**Deċiżjoni tas-Sedja mogħtija minn Mr Speaker l-Onor. Louis Galea f'Seduta numru 113 tat-Tnejn, 18 ta' Mejju, 2009.**

*Prima facie ksur ta' privileġġ - Artikolu f'ġurnal - Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra tad-Deputati (Kap. 113) - Ordnijiet Permanenti numru 35, 36 u 161.*

Fis-Seduta numru 108 tat-Tnejn, 11 ta' Mejju, 2009, hekk kif is-Sedja staqsiet għal mozzjonijiet, qam l-Onor. Joe Mizzi, Whip għan-naħa tal-Oppożizzjoni, u f'ismu bħala Whip kif ukoll f'isem l-Oppożizzjoni, invoka l-Ordnijiet Permanenti (OP) 35, 36 u 161 biex jintavola talba għal deċiżjoni preliminari tas-Sedja dwar Ksur ta' Privileġġ ai termini tal-Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra tad-Deputati (Kap.113).

L-Onor. Mizzi ilminta minn partijiet f'artikolu li deher fil-ġurnal ILLUM tal-Ħadd, 3 ta' Mejju, 2009, f'paġna 12, intestat f'isem 'Roberta Metsola Tedesco Triccas - PN' u li jġib it-titolu "Għall-Partit Laburista s-saħħa tiegħu fil-Parlament tiġi dejjem qabel is-saħħa tan-nies". Jintqal mill-ewwel li Dottoressa Metsola Tedesco Triccas hija kandidata tal-PN għall-elezzjoni tal-Parlament Ewropew li ser issir fis-6 ta' Ġunju, 2009.

L-Onor Mizzi avvanza t-talba tiegħu għal dikjarazzjoni mis-Sedja ta' ksur ta' privileġġ prima facie sew kontra l-ġurnal kif ukoll kontra l-artikolista imsemmija.

Is-Sedja informat il-Kamra li kienet ser tagħti d-deċiżjoni tagħha fi stadju ulterjuri wara li tevalwa t-talba tal-Onor. Membru.

Mill-preżentazzjoni tal-pretensjoni tiegħu għal ksur ta' privileġġ is-Sedja tifhem li l-Onor Mizzi jidher li sab oġġezzjoni partikolari għal dawn is-siltiet li ġejjin mill-imsemmi artikolu:

1. "Matul il-jiem li għaddew ilkoll rajna kif l-Oppożizzjoni għazlet li ġġib ruħha b'mod irresponsabbli meta ma tatx pairing lill-Gvern biex ikun possibbli għas-Segretarju Parlamentari Mario Galea jattendi laqgħa urġenti tal-Unjoni Ewropea dwar is-swine flu."

2. "...l-Oppożizzjoni Laburista għażlet li ma tagħrafx timxi bħala Oppożizzjoni ta' pajjiż membru tal-Unjoni Ewropea. Minflok għażlet li twebbes rasha u ma tagħtix il-pairing lill-Gvern biex is-Segretarju Parlamentari jkun jista' jattendi f'isem u fl-interess ta' Malta għal din il-laqgħa tant importanti."

3. "...l-imġiba tal-Oppożizzjoni Laburista hija waħda ferm irresponsabbli u turi li l-Partit Laburista qiegħed jagħzel li jqiegħed l-interessi partiġjani tiegħu qabel dak li jitlob minnu l-interess nazzjonali."

Is-Sedja issa ser tgħaddi biex tqis il-bazi legali u n-natura tat-talba ta' l-Onor Mizzi. Is-Sedja qieset il-provvedimenti rilevanti tal-Kostituzzjoni ta' Malta, tal-Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra tad-Deputati (Kap. 113), tal-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra tad-Deputati , u l-Parliamentary Practice ta' Erskine May .

Bħala bażi legali għall-pretensjoni tiegħu l-Onor Mizzi iċċita l-Artikolu 11 (4) (a), (b), (j) u (k) ta' fuq imsemmi Kap 113 tal-Liġijiet ta' Malta.

Is-Sedja tqis li t-talba tal-Onor. Mizzi ma tistax tiġi avvanzata taħt l-Artikolu 11 (4) (a) peress li ingredjent essenzjali f'dan il-provvediment jesiġi li l-"att ta' nuqqas ta' qima...bi kliem" irid

iseħħ "quddiem il-Kamra jew Kumitat tal-Kamra;" u fil-każ in eżami l-kliem li minnu lminta l-Onor. Membru hu mitbugħ f'artikolu fil-ġurnal imsemmi.

Is-Sedja tqis li l-Artikolu 11 (4) (b) lanqas ma jipprovdi l-bażi legali għall-konsiderazzjoni tal-ilment imqanqal minħabba li dan il-provvediment ukoll jaħseb li "l-insult jew in-nuqqas ta' qima [iridu] jsiru quddiem il-Kamra jew ta' xi kumitat tagħha waqt xi laqgħa tagħhom;", li ma hux il-każ f'din l-okkażjoni.

L-ilment imqanqal mill-Onor. Membru iżda jista' jiġi konsidrat li jinkwadra ruħu fil-parametri tal-provvedimenti tal-Artikolu 11 (4) li f'paragrafu (j) jitkellem dwar "...pubblikazzjoni ta' kull libell li jagħti malafama...lil xi membru li tolqot xi haġa magħmula minnu jew li ntqalet minnu...bħala Membru fil-Kamra jew f'Kumitat tagħha" u f'paragrafu (k) jitkellem dwar "il-pubblikazzjoni volontarja jew bi traskuraġni ta' xi rapport falz jew mgħawweġ ta' xi dibattitu jew proċedimenti tal-Kamra jew ta' xi Kumitat tagħha.".

M'hemmx dubju li l-artikolu in kwestjoni jaqa' fit-tifsira ta' "pubblikazzjoni" li nsibu fl-Artikolu 11 (6) tal-Kap 113.

Jifdal il-kwestjoni jekk il-kliem stampat u pubblikat li minnu lminta l-Onor. Membru jikkostitwixxix prima facie ksur ta' privileġġ.

Il-kwestjoni tal-għoti tal-pairing mill-Oppożizzjoni lill-Gvern fis-seduta tat-30 ta' April, 2009, biex is-Segretarju Parlamentari l-Onor. Mario Galea ikun jista' jattendi laqgħa imprevedibbli u urġenti tal-Kunsill tal-Ministri tal-Unjoni Ewropea dwar is-swine flu, kienet ifformat parti minn dibattitu u proċedimenti tal-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra fil-laqgħa tiegħu numru 11 tat-Tlieta, 28 ta' April, 2009. L-artikolu de quo ta' Dott Metsola Tedesco Triccas ikkummenta dwar il-pożizzjoni dikjarata li ħa l-Onor. Mizzi f'isem l-Oppożizzjoni Laburista f'dan il-Kumitat.

Is-Sedja qieset jekk il-kliem ċitat mill-artikolu jistax prima facie jiġi konsidrat li jikkostitwixxi "libell li jagħti malafama" jew "rapport falz jew mgħawweġ ta' xi dibattitu jew proċedimenti tal-Kamra jew ta' xi Kumitat tagħha". L-artikolista fil-ħarġa tal-ġurnal ILLUM iddeskriviet l-għażla tal-Oppożizzjoni fiċ-ċirkostanzi bħala Oppożizzjoni 'irresponsabbli...li ma tagħrafx timxi bħala Oppożizzjoni ta' pajjiż membru tal-Unjoni Ewropea...li twebbes rasha u ma tagħtix il-pairing...li tqiegħed l-interessi partiġjani...qabel...l-interess nazzjonali...' Għandu jiġi notat li l-artikolista fl-ebda stadju tal-kitba tagħha ma ssemmi b'ismu xi Membru tal-Kamra, iżda tirreferi b'mod ġenerali għall-Oppożizzjoni. Huwa veru li l-esponenti primarji fi kwestjoni ta' pairing huma l-Whips tal-Membri tal-Kamra, faċilment identifikabbli fil-persuna tal-Onorevoli Joe Mizzi għan-naħa tal-Oppożizzjoni u l-Onor David Agius għan-naħa tal-Gvern.

Is-Sedja tafferma li l-arranġament ta' pairing bejn Oppożizzjoni u Gvern waqt votazzjoni fil-Kamra mhu regolat bl-ebda OP, regolament jew liġi, iżda jista' jkun biss arranġament liberu u volontarju bi ftehim, ad hoc jew għal xi żmien, bejn il-Membri taż-żewg naħat tal-Kamra. Naturalment tali ftehim jew in-nuqqas tiegħu, kif ukoll iċ-ċirkostanzi politiċi li jkun hemm fl-isfond, huma u għandhom ikunu, soġġett tal-opinjoni pubblika.

Huwa fatt magħruf li l-Onor Joe Mizzi jaqdi d-dmirijiet tiegħu sew ta' Membru kif ukoll ta' Whip għan-naħa tal-Oppożizzjoni skond l-aħjar ħiliet u kuxjenza tiegħu, u a' bażi tal-mandat li jingħata lilu regolarment mill-Grupp Parlamentari Laburista. F'dan ir-rigward is-Sedja

jidhrilha li għandha tirrileva l-funzjoni delikata u impenjattiva li jaqdu l-Whips fil-Kamra, ħafna drabi ‘l bogħod minn kull pubbliċita'. Is-Sedja, u żgur il-Gruppi Parlamentari rispettivi, isibu fis-servizz tal-Whips appoġġ indispensabbli u kostruttiv għall-ħidma rispettiva tagħhom, servizz li huwa apprezzat mis-Sedja u l-Kamra, u b'mod partikolari mill-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra.

Fid-dawl ta' dan kollu, is-Sedja tqis li f'dan il-każ il-ġurnal ILLUM u Dott. Roberta Metsola Tedesco Triccas wettqu d-dritt tagħhom tal-libertà tal-espressjoni u taw l-opinjoni gratuwita tagħhom, la bilfors korretta u wisq anqas li trid taqbel magħha, dwar għażliet politiċi leġittimament magħmula mill-Oppożizzjoni. Fil-fehma tas-Sedja dan ma jikkostitwixxix prima facie "libell li jagħti malafama" jew "rapport falz jew mgħawweġ ta' xi dibattitu jew proċedimenti tal-Kamra" la fil-konfront tal-Onor Joe Mizzi u lanqas fil-konfront tal-Oppożizzjoni. Is-Sedja lanqas ma taqbel li l-imsemmi kliem jista' b'xi mod jiġi meqjus ta' xi tfixkil jew theddid fil-ħidma tal-Kamra jew tal-Onor. Joe Mizzi li fis-snin twal ta' ħidma tiegħu f'din il-Kamra ta provi bil-bosta li kapaċi jaqdi d-dmirijiet tiegħu b'tenaċja u assidwita' u bla ebda biża'.

Fil-ħarsien tal-qadi sħiħ tad-dmirijiet tal-Membri, bis-saħħa tal-privileġġ li tagħtihom il-liġi, trid tinżamm dejjem ċara d-distinzjoni oġġettiva bejn in-nuqqas ta' qima dovuta, l-insult, il-malafama, ir-rappurtaġġ falz u mgħawweġ min naħa, u min naħa l-oħra l-kummenti u l-analiżi kritika tal-opinjoni pubblika f'kull mezz ta' komunikazzjoni tal-aġir, stqarrijiet, deċiżjonijiet u pożizzjonijiet politiċi li jadottaw il-Membri ta' din il-Kamra. Hu dmir tas-Sedja li tipproteġi lill-Membri kontra tal-ewwel meta dan tassew iseħħ, u lill-pubbliku u l-media fir-rigward tad-dritt tal-libertà tal-espressjoni.

Għaldaqstant, salvi u fermi d-drittijiet li talvolta jista' jkollhom sew l-Onor. Joe Mizzi kif ukoll l-Oppożizzjoni taħt l-Att dwar l-Stampa (Kap. 248) jew taħt xi liġi oħra, is-Sedja tiddeċiedi li m'hemmx każ ta' prima facie ksur ta' privileġġ.